B 2131

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,349, 22 ta' Novembru, 2024

Taqsima B

A.L. 315 tal-2024

ATT FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA
(KAP. 643)
Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 tal-Att fuq l-Azzjoni dwar il-Klima, il-Ministru responsabbli għar-riżorsi flimkien mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja, wara konsultazzjoni mal-Awtorità fuq Azzjoni dwar il-Klima, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 643.02.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

(2) Ir-regolament 3(b) u r-regolament 5(b) għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (3) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(a) jittrasponu d-dispożizzjonijiet:

(i) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(ii) tad-Direttiva 2004/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(iii) tad-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(iv) tad-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(v) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(vi) tad-Direttiva (UE) 2018/410 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

(vii) tad-Direttiva (UE) 2023/959 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE; u

(b) jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2017/2392 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Direttiva (UE) 2018/410" tiegħu għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva (UE) 2023/959" tfisser id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' permessi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' permessi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni;";

(b) it-tifsira "emissjonijiet" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "emissjonijiet" tfisser ir-rilaxx ta' gassijiet serra speċifikati fir-rigward ta' attività elenkata fl-Iskeda 1, minn sorsi f'installazzjoni li twettaq tali attività;";

(ċ) it-tifsira "ġeneratur tal-elettriku" tiegħu għandha tiġi mħassra; u

(d) minnufih wara t-tifsira "Regolament (UE) 2017/2392" tiegħu għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Regolament (UE) 2021/1119" tfisser ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima");

"Regolament (UE) 2023/956" tfisser ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafu (f) tas-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) obbligu li ċċedi permessi ekwivalenti għat-total ta' emissjonijiet tal-installazzjoni f'kull sena kalendarja, kif ivverifikat skont is-subregolament (3) tar-regolament 16, sat-30 ta' Settembru tas-sena sussegwenti.".

5. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:.

"(2a) Jekk installazzjoni tkun koperta mill-obbligu li twettaq awditjar tal-enerġija jew li timplimenta sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija taħt ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Effiċjenza fl-Enerġija u jekk ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar jew tas-sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija ma jkunux implimentati, sakemm iż-żmien tal-ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiżx it-tliet (3) snin jew sakemm l-ispejjeż ta' dawk l-investimenti ma jkunux sproporzjonati, allura l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas għandu jitnaqqas b'għoxrin fil-mija (20%). L-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas ma għandux jitnaqqas jekk operatur juri li jkun implimenta miżuri oħra li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk rakkomandati mir-rapport tal-awditjar jew mis-sistema ċertifikata ta' ġestjoni tal-enerġija għall-installazzjoni kkonċernata.

L.S. 545.33.
L.S. 623.07.

(2b) L-allokazzjoni bla ħlas stabbilita skont is-subregolament (1) għandha titnaqqas b'għoxrin fil-mija (20%) fejn, sal-1 ta' Mejju, 2024, l-operatur ta' installazzjoni li l-livelli tiegħu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jkunu ogħla mit-80 perċentil tal-livelli ta' emissjonijiet għall-parametri referenzjarji tal-prodott, kif determinat mid-deċiżjonijiet u r-regolament rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, ma stabbilixxewx pjan ta' newtralità karbonika għal dik l-installazzjoni għall-attivitajiet tagħha koperti minn dawn ir-regolamenti. L-imsemmi pjan għandu jkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u għandu jistabbilixxi:

(a) miżuri u investimenti sabiex in-newtralità klimatika tinkiseb sal-2050 fil-livell ta' installazzjoni, bl-esklużjoni tal-użu ta' krediti ta' kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju;

(b) miri u stadji ewlenin intermedji sabiex, sal-31 ta' Diċembru 2025 u sal-31 ta' Diċembru ta' kull ħames sena sussegwenti, jitkejjel il-progress li jkun sar lejn il-kisba tan-newtralità klimatika kif stabbilit fil-paragrafu (a); u

(ċ) stima tal-impatt ta' kull waħda mill-miżuri u kull wieħed mill-investimenti msemmija fil-paragrafu (a) fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra:

Iżda l-kisba tal-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fil-paragrafu (b) għandha tiġi vverifikata fir-rigward tal-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2025 u fir-rigward ta' kull perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull ħames sena sussegwenti skont ir-regolament 16.

(2ċ) Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas lil installazzjonijiet f'setturi jew subsetturi inkwantu dawn ikunu koperti minn miżuri stabbiliti bir-Regolament (UE) 2023/956.

(2d) Kif soġġett għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/0956, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas b'rabta mal-produzzjoni tal- oġġetti elenkati fl-Anness 1 tal-imsemmi Regolament.

(2e) B'deroga mis-subregolament (6), il-produzzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/0956 għandha tibbenefika minn allokazzjoni bla ħlas f'ammonti mnaqqsa. Għandu jiġi applikat fattur CBAM li jnaqqas l-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' dawk l-oġġetti, u għandu jkun ugwali għal 100% mill-bidu fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2023/0956 sal-31 ta' Diċembru 2025, għal 97.5% fl-2026, għal 95% fl-2027, għal 90% fl-2028, għal 77.5% fl-2029, għal 51.5% fl-2030, għal 39% fl-2031, għal 26.5% fl-2032, għal 14% fl-2033, u għal 0% mill-2034";

(b) is-subregolament (3) u s-subregolament (5) tiegħu għandhom jiġu mħassra; u

(ċ) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni bla ħlas lil installazzjoni li tkun waqfet topera. Installazzjoni li għaliha l-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra jkun ġie ċedut jew ġie revokat jew li għaliha l-operat jew il-bidu mill-ġdid tal-operat huwa teknikament impossibbli għandha titqies li tkun waqfet l-operat.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Viżibbiltà ta' sors ta' finanzjament.

12A. Benefiċjarju ta' finanzjament ta' kwalunkwe azzjoni jew proġett iffinanzjat mid-dħul mill-irkantar tal-EU ETS għandu jiżgura l-viżibbiltà ta' tali sors ta' finanzjament.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fis-subregolament (1) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "sat-28 ta' Frar ta' kull sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 19 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "sat-30 ta' April ta' kull sena" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sat-30 ta' Settembru ta' kull sena"; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4a) Obbligu ta' ċessjoni ta' permessi ma għandux jinħoloq fir-rigward ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma kkunsidrati li ġew maqbuda u utilizzati b'tali mod li jkunu intrabtu kimikament b'mod permanenti fi prodott sabiex ma jidħlux fl-atmosfera taħt użu normali, inkluż kwalunkwe attività normali li sseħħ wara t-tmiem tal-ħajja tal-prodott.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

9. Minnufih wara r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Deċiżjoni fuq installazzjoni li tnaqqas il-kapaċità tal-produzzjoni.

29. (1) Meta installazzjoni li hija inkluża fl-għan ta' dawn ir-regolamenti minħabba t-tħaddim ta' unitajiet ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali li jeċċedi 20MW tbiddel il-proċessi ta' produzzjoni tagħha sabiex tnaqqas l-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra u ma tibqax tilħaq dak il-limitu, l-operatur jista' jiddeċiedi li dik l-installazzjoni għandha tibqa' fl-għan ta' dawn ir-regolamenti sat-tmiem tal-perjodu kurrenti ta' ħames (5) snin imsemmi fir-regolament 11(7), u l-perjodu ta' ħames (5) snin li jmiss imsemmi fir-regolament 11(7), wara l-bidla fil-proċess ta' produzzjoni tiegħu. L-operatur ta' dik l-installazzjoni għandu jinforma lill-Awtorità b'tali deċiżjoni.

(2) L-Awtorità għandha tavża lill-Kummissjoni bit-tibdiliet fil-listi ta' installazzjonijiet skont ir-regolament 11(7) fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni magħmula skont is-subregolament (1).".

B 2136

Tissostitwixxi l-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

10. L-Iskeda 1 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 1

Regolamenti 1(2), 2, 3, 4(1), 4(2), 4(4), 5(1), 5(2), 5(3)(ċ), 5(3)(d) , 5(3)(e), 6(3)(e), 7(1)(ċ), 9(1), 15(1) (ċ), 16(1)(a), 16(1) (ċ), 16(3)(ċ)

Kategoriji ta' Attivitajiet li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti

1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għal riċerka, żvilupp u ttestjar ta' prodotti u proċessi ġodda ma humiex koperti minn dawn ir-regolamenti. Installazzjonijiet fejn matul il-perjodu ta' ħames (5) snin rilevanti preċedenti msemmi fir-regolament 11(7), emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti skont kriterji ta' sostenibbiltà u li jiffrankaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu ta' bijomassa stabbilita mir-Regolamenti dwar il-Kriterji ta' Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, tal-Bijolikwidi u tal-Karburanti mill-Bijomassa, jikkontribwixxu bħala medja għal aktar minn 95% tal-medja totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, ma humiex koperti minn dawn ir-regolamenti.

L.S. 545.37.

2. Il-valuri tal-limiti mogħtija hawn taħt ġeneralment jirreferu għal kapaċitajiet jew outputs tal-produzzjoni. Fejn diversi attivitajiet li jaqgħu taħt l-istess kategorija jitwettqu fl-istess installazzjoni, il-kapaċitajiet ta' tali attivitajiet jiġu miżjuda flimkien.

3. Meta l-input termiku nominali totali ta' installazzjoni jiġi kkalkulat sabiex tiġi deċiża l-inklużjoni tagħha fl-EU ETS, l-inputs termiku nominali tal-unitajiet tekniċi kollha li huma parti minnha, li fihom il-karburanti jinħarqu fl-installazzjoni, għandhom jiġu miżjuda flimkien. Dawk l-unitajiet jistgħu jinkludu t-tipi kollha ta' boilers, burners, turbini, heaters, fran tal-funderiji, inċineraturi, kalkari tal-ġir, kilns, fran, apparat għat-tnixxif, magni, ċelloli tal-fjuwil, unitajiet ta' kombustjoni "chemical loopin", apparat tal-ivvampjar, u impjanti termiċi jew katalitiċi ta' post-kombustjoni. Unitajiet b'input termiku nominali taħt 3 MW ma għandux jittieħed kont tagħhom għall-finijiet ta' dan il-kalkolu.

4. Jekk unità sservi attività li għaliha l-limitu mhux espress bħala input termiku nominali totali, il-limitu ta' din l-attività għandu jieħu preċedenza għad-deċiżjoni dwar l-inklużjoni fl-EU ETS.

5. Meta l-limitu tal-kapaċità ta' kwalunkwe attività elenkata f'din l-Iskeda jinstab li jinqabeż f'installazzjoni, l-unitajiet kollha li fihom jinħarqu l-karburanti, għajr unitajiet għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż jew muniċipali, għandhom jiġu inklużi fil-permess ta'

emissjoni ta’ gassijiet serra.

Attivitajiet	Gassijiet serra
Kombustjoni ta’ karburanti f’installazzjonijiet b’input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW (ħlief f’installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni ta’ skart perikoluż jew muniċipali)	Diossidu tal-karbonju
Mill-1 ta’ Jannar 2024, il-kombustjoni ta’ karburanti f’installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali b’input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW, għall-finijiet tar-regolamenti 15, 16, 17 u 18.	
Ir-raffinar taż-żejt, fejn jitħaddmu unitajiet tal-kombustjoni b’input termiku nominali totali li jaqbeż l-20 MW	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni tal-kokk	Diossidu tal-karbonju
L-installazzjonijiet tal-minerali tal-metalli (inkluż il-metall sulfid), tal-ħami jew tas-sinterizzazzjoni inkluż il-“pelletisation”	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni tal-ħadid jew tal-azzar (fissjoni primarja jew sekondarja) inkluż l-ikkastjar kontinwu, b’kapaċità li taqbeż it-2.5 tunnellati fis-siegħa	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni jew l-ipproċessar ta’ metalli tal-ħadid (inklużi liegi tal-ħadid) fejn jitħaddmu unitajiet tal-kombustjoni b’kapaċità termika totali kkalkolata li taqbeż l-20 MW. L-ipproċessar, fost l-oħrajn, jinkludi rombli għall-manifattura tal-pjanċi, re-heaters, fran għat-trattament bis-sħana (annealing), impjanti tax-xogħol tal-ħadid, fonderiji, kisi u bbanjar bl-aċtu	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni ta’ aluminju primarju jew alumina	Diossidu tal-karbonju

B 2138

Produzzjoni tal-aluminju sekondarju fejn jitħaddmu l-unitajiet tal-kombustjoni b'kapaċità termika totali kkalkolata li taqbeż l-20 MW.	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' mettali mhux tal-ħadid, inkluża l-produzzjoni tal-liegi, r-raffinar, l-iffundar, eċċ., fejn jitħaddmu unitajiet tal-kombustjoni b'kapaċità termika totali kkalkolata (inklużi karburanti użati bħala aġenti ta' tnaqqis) li taqbeż l-20 MW.	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni tal-klinker tas-siment fi fran li jduru b'kapaċita ta' produzzjoni li taqbeż il-500 tunnellata kuljum jew fi fran oħra b'kapaċita ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni ta' ġir jew ta' kalċinazzjoni tad-dolomit jew tal-manjeżit fi fran li jduru jew fi fran oħra b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Manifattura tal-ħġieġ inkluż fibra tal-ħġieġ b'kapaċità li tinħall li taqbeż l-20 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika bin-nar, partikolarment madum tas-soqfa, bricks, bricks li jirreżistu s-sħana, madum, oġġetti tal-ġebel jew tal-porċellana, b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Manifattura ta' materjal ta' insulazzjoni ta' suf minerali bl-użu tal-ħġieġ, tal-blat jew tal-gagazza b'kapaċità li jinħall li taqbeż l-20 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju

It-tnixxif jew il-kalċinazzjoni tal-ġipsum jew il-produzzjoni ta' twavel tal-ġibs u ta' prodotti oħra tal-ġipsum, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' ġipsum kalċinat jew ġipsum sekondarju mnixxef li taqbeż total ta' 20 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni ta' polpa mill-injam jew materjali oħra fibrużi	Diossidu tal-karbonju
Produzzjoni tal-karta jew tal-kartun b'kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż l-20 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni tal-iswed tal-karbonju li tinvolvi l-karbonizzazzjoni ta' sustanzi organiċi bħal żjut, qatran, residwi tad-distillazzjoni u tal-fran tal-ikkrekkjar b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-50 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni tal-aċidu nitriku	Id-diossidu tal-karbonju u l-ossidu nitriku
Il-produzzjoni tal-aċidu adipiku	Id-diossidu tal-karbonju u l-ossidu nitriku
Il-produzzjoni tal-aċidu glijossiku u glijossiliku (glyoxal u glyoxilic)	Id-diossidu tal-karbonju u l-ossidu nitriku
Il-produzzjoni tal-ammonja	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi organiċi kbar permezz tal-cracking, l-iffurmar mill-ġdid, l-ossidazzjoni parzjali jew sħiħa jew permezz ta' proċessi simili b'kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-100 tunnellata kuljum	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni tal-idroġenu (H2) u ta' gass sintetiku b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-5 tunnellati kuljum	Diossidu tal-karbonju
Il-produzzjoni tal-irmied tas-soda (Na2CO3) u l-bikarbonat tas-sodju (NaHCO3)	Diossidu tal-karbonju

Qbid ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet koperti mid-Direttiva għall-fini ta' trasport u ħżin ġeoloġiku f'sit ta' ħżin permess taħt id-Direttiva 2009/31/KE	Diossidu tal-karbonju
It-trasport ta' gassijiet serra għal ħżin ġeoloġiku f'post tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, bl-esklużjoni ta' dawk l-emissjonijiet koperti minn attività oħra skont id-Direttiva 2003/87/KE	Diossidu tal-karbonju
Ħażna ġeoloġika ta' gassijiet serra f'sit ta' ħażna permess taħt id-Direttiva 2009/31/KE	Diossidu tal-karbonju

".

Jissostwixxi l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

11. L-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 3
(regolamenti 15(1)(a), 16(1)(a))

Prinċipji għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji

Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju

L-emissjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati jew bil-kalkolu jew abbażi tal-kejl.

Il-kalkolu

Il-kalkoli tal-emissjonijiet għandhom jitwettqu bl-użu tal-formola:

L-informazzjoni dwar l-attività × il-Fattur ta' l-emissjoni × il-Fattur tal-ossidazzjoni

L-informazzjoni dwar l-attività (il-karburant użat, ir-rata tal-produzzjoni, eċċ.) għandhom jiġu mmonitorjati abbażi tal-informazzjoni dwar il-provvista jew tal-kejl.

Għandhom jintużaw fatturi aċċettati tal-emissjonijiet. Huma aċċettabbli l-fatturi speċifiċi għall-attività tal-emissjonijiet rigward il-karburanti kollha. Huma aċċettabbli l-fatturi tan-nuqqas għall-karburanti kollha minbarra dawk mhux kummerċjali (karburanti tal-

iskart bħalma huma t-tyres u l-gassijiet tal-proċessi industrijali). Nuqqasijiet li huma speċifiċi għas-saff rigward il-fatham, u nuqqasijiet speċifiċi għall-UE jew speċifiċi għall-pajjiż rigward il-produttur għall-gass naturali għandhom jiġu elaborati iktar. Il-valuri IPCC tan-nuqqas huma aċċettabbli għall-prodotti tar-raffineriji. Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jkun żero.

Jekk il-fattur tal-emissjonijiet ma jqisx il-fatt illi whud mill-karbonji ma jkunux ossidizzati, allura għandu jintuża fattur addizzjonali għall-ossidazzjoni. Jekk il-fatturi speċifiċi għall-attività tal-emissjonijiet ikunu ġew ikkalkolati u diġà jieħdu l-ossidazzjoni inkonsiderazzjoni, allura l-fattur tal-ossidazzjoni ma għandux bżonn jiġi applikat.

Għandhom jintużaw fatturi ta' ossidazzjoni prestabbiliti żviluppati skont id-Direttiva 2010/75/UE, sakemm l-operatur ma jkunx jista' juri li l-fatturi speċifiċi għall-attivitajiet huma iktar eżatti.

Għandu jsir kalkolu separat għal kull attività, installazzjoni u għal kull karburant.

Il-kejl

Il-kejl tal-emissjonijiet għandu juża metodi standardizzati jew aċċettati, u għandhom jiġu kkorroborati li jsostnu l-emissjonijiet.

Il-monitoraġġ tal-emissonijiet ta' gassijiet oħra tas-serra.

Għandhom jintużaw metodi standardizzati jew metodi aċċettati, żviluppati mill-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti, u adottati skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Ir-Rappurtaġġ tal-emissjonijiet

Kull wieħed mill-operaturi għandu jinkludi t-tagħrif li ġej fir-rapport dwar installazzjoni:

A. L-informazzjoni dwar l-installazzjoni, li tinkludi:

— L-isem tal-installazzjoni;

— L-indirizz tagħha, inkluż il-kodiċi postali u l-pajjiż;

— It-tip u n-numru tal-attivitajiet tal-Iskeda 1 imwettqa fl-installazzjoni;

— L-indirizz, u d-dettalji dwar it-telefown, il-fax u l-e-mail għal persuna tal-kuntatt; u

— L-isem tas-sid tal-installazzjoni, u tal-kumpanija prinċipali.

B. Għal kull attività tal-Iskeda 1 imwettqa fuq is-sit li għaliha jiġu kkalkolati l-emissjonjiet:

— L-informazzjoni dwar l-attività;

— Il-fatturi tal-emissjoni;

— Il-fatturi tal-ossidazzjoni;

— L-emissjonijiet totali; u

— L-inċertezza.

Ċ. Għal kull attività tal-Iskeda 1 imwettqa fuq is-sit li għaliha jiġu mkejla l-emissjonjiet:

— L-emissjonjiet totali;

— It-tagħrif dwar il-fiduċja tal-metodi tal-kejl; u

— L-inċertezza.

D. Għall-emissjonijiet mill-kombustjoni, ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-fattur tal-ossidazzjoni, għajr jekk l-ossidazzjoni tkun diġà tqieset fl-iżvilupp ta' fattur speċifiku għall-attività tal-emissjoni.".

Sostituzzjoni tar-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

12. Ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

Dritt ta' appell.

25. It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkollu l-ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet tal-Awtorità li jittieħdu skont dawn ir-regolamenti fit-termini tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, liema appell għandu jiġi preżentat sa mhux iktar tard minn għoxrin (20) ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni tal-istess Awtorità, li permezz tiegħu l-persuna aggravata għandha tispeċifika r-raġunijiet li abbazi tagħhom l-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità għandha tiġi kanċellata jew modifikata:

Kap. 490.

Iżda kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-istess Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' liġi skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.

Kap. 12.

Emenda konsegwenzjali. Kap. 490.

13. Minnufih wara l-aħħar partita tat-Tieni Skeda tal-Att dwar l-Ġustizzja Amministrattiva, għandhom jiżdiedu l-kliem "Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji, L.S. 643.02, Kompetenza Sperjuri/Inferjuri".